



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2019
(OR. fr)

12924/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0209 (NLE)

PECHE 440

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/ ...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania
dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd
u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija
fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania,
li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006², daħal fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2008.
- (2) Il-Protokoll għall-Ftehim, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-istess jum għal perjodu ta' sentejn, ġie sostitwit diversi drabi.
- (3) Il-Protokoll għall-Ftehim li bħalissa huwa fis-sehh³ se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019.
- (4) Fit-8 ta' Lulju 2019, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għall-konklużjoni ta' ftehim ġdid ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u protokoll li jimplimenta dak il-ftehim.
- (5) Sa ma jitlestew dawk in-negozjati, il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni, għal perjodu massimu ta' sena, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri"). Fit-tmiem ta' dawn in-negozjati, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ġie inizjalat fl-4 ta' Settembru 2019.

¹ ĠU L 343, 8.12.2006, p. 4.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

³ Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin (ĠU L 315, 1.12.2015, p. 3).

- (6) L-għan tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania jkomplu jaħdmu bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania kif ukoll li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom tas-sajd f'dawn l-ilmijiet.
- (7) Biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Mauritania, jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jiġi applikat b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2019 jew minn kwalunkwe data oħra li tkun id-data tal-iffirmar tiegħu, f'konformità mal-punt (6) tiegħu.
- (8) Jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jiġi ffirmat, u applikat b'mod provviżorju sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019, huwa awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni*.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri.

Artikolu 3

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu japplika b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2019 jew minn kwalunkwe data oħra li tkun id-data tal-iffirmar tiegħu¹ sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 12927/9.

¹ Id-data li minnha l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jibda jkun applikat b'mod provviżorju tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
